MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2691/1996/1

**Francis Scicluna u martu Carmen Scicluna**

**Vs**

**Carmel sive Charles Farrugia u martu Maria Lourdes Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur fis-16 ta’ Marzu 1987 kien xtara dghajsa ta’ lewn abjad tal-marka “Albatross 390” minghand is-socjeta` Zarb Stores Limited ta’ Hal Luqa, liema dghajsa kellha numru tar-Registrazzjoni Numru 2329;

Premess illi l-attur kien ukoll xtara magna tal-marka "Johnson 15hp long shaft" b'numru tar-registrazzjoni BJ15BACCDE, liema magna nxtrat minghand id-ditta R.L.R. Limited fit-18 ta' Frar 1987;

Premess illi kemm id-dghajsa kif ukoll il-magna hawn fuq imsemmija gew misruqa minn terzi bejn id-29 u t-30 ta' Lulju 1987 u li dwar dina s-serqa ghaddejjin proceduri kriminali;

Premess illi l-konvenut huwa l-imputat f'dawn il-proceduri kriminali li fihom qieghed jigi allegat illi kemm id-dghajsa kif ukoll il-magna huma proprjeta` tal-konvenut;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-proprjetarju legittimu kemm tad-dghajsa tal-marka "Albatross 390" kif ukoll tal-magna tat-tip "Johnson 15hp long shaft" b'numru tar-Registrazzjoni BJ15BACCDE;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi preliminarjament il-kompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris;*

2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in via preliminari wkoll illi d-dghajsa msemmija mill-atturi ma hijiex proprjeta` taghhom u ghalhekk huma ma ghandhom ebda *locus standi* f'dawn il-proceduri kif lanqas ma jista' jkollhom ebda interess guridiku fl-istess;

3. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, illi d-domandi attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u

kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li d-dghajsa Albatross 390 esebita fl-atti tal-kawza "Il-Pulizija vs Charles Farrugia" bhalissa pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li tinsab differita ghas-sentenza ghas-seduta tat-23 ta' Gunju 1997, mhix l-istess dghajsa li ghaliha sar referiment fic-citazzjoni odjerna pero` darba li ma hemm ebda ness bejn il-kontendenti l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet il-konvenut Charles Farrugia kien xtara d-dghajsa second hand minghand terz in buona fede u anke f'kaz li jigi dikjarat li d-dghajsa esebita fl-atti tal-kawza tal-pulizija fuq riferita hija proprjeta` ta' l-atturi dawn ghandhom jindemnizzaw lill-konvenuti ai termini ta' l-Artikolu 559 tal-Kodici Civili;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-dokumenti kollha tal-process inkluzi dawk mieghu annessi;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process senjatament in-noti pprezentati mid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-atturi intavolaw din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara li huma kienu l-legittimi proprjetarji tad-dghajsa Albatross li prezentement tinsab taht il-kustodja tal-pulizija; qed jaghmlu dan peress li jikkontendu li d-dghajsa kienet giet maqbuda minghand certu Mario Micallef li minn naha tieghu jghid li kien akkwistaha minghand il-konvenut; dan in via ta' eccezzjoni jghid li huwa kien xtara l-imsemmija

dghajsa b'mod legittimu u minghand persuna li pero` ma setax jidentifika;

Illi l-allegat serq sar fl-1987 izda l-attur baqa' jittanta jirrintracca d-dghajsa misruqa minghandu u gara illi madwar tliet snin wara waqt li huwa kien ghaddej bil-karozza tieghu lemah dghajsa li kienet qed tigi rmonkata, u fehem li dik kienet tieghu; huwa segwiha u meta ra fejn kienet ser tigi mdahhla huwa ghamel rapport lill-pulizija. Dawn sabu illi din kienet ta' certu Mario Micallef li pero` malajr qalilhom li huwa kien akkwistaha minghand il-konvenut u in segwitu din id-dghajsa giet mehuda ghand il-pulizija u bdew l-indagini taghhom;

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Valletta li investiga l-kaz jidher li meta huwa baghat ghall-konvenut biex jinterrogah dan qallu li "kien ma jiflahx pero` kien tani ricevuta, issa nesebiha, minghand min kien xtraha". L-imsemmi Spettur ghamel aktar investigazzjoni u rrizultalu li din l-ircevuta li kien tah il-konvenut kienet inharget fl-1984 cioe` tliet snin qabel ma' l-attur kien ghadu biss xtara d-dghajsa in kwistjoni fl-1987; inghad ukoll li min kien hareg din l-ircevuta kien miet;

Illi l-konvenut kien gie interrogat wara din is-sejba fl-1990 waqt li l-kawza odjerna giet intavolata fl-1996; huwa ta' importanza l-fatt illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet mahlufa mill-konvenut fl-1987 huwa ssottometta li d-dghajsa *de quo* "mhux l-istess dghajsa li l-atturi qed jallegaw li kienet insterqet"; din kienet id-difisa principali tal-konvenut kemm fil-proceduri kriminali kif ukoll f'dawk odjerni;

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-18 ta' Gunju 1997 ma sabitx lill-konvenut hati tas-serq tad-dghajsa imma sabitu hati ta' ricettazzjoni; il-Qorti ta' l-Appell in segwitu illiberatu anki minn din l-akkuza pero` ikkonfermat li "certi dettalji li huma taw iwasslu lil din il-Qorti bhal l-Ewwel Qorti biex tkun moralment konvinta li d-dghajsa misjuba fil-pussess ta' Mario Micallef u li hu kien xtraha minghand l-appellant fl-1989, hija fil-fatt l-istess dghajsa li nsterqet lil Scicluna f'Lulju ta' l-1987";

Illi fid-dawl ta' dan kollu l-konvenut biddel il-verzjoni tieghu dwar l-identifikazzjoni tad-dghajsa meta stqarr u ddikjara li "illum huwa konvint li din id-dghajsa kienet fil-fatt ta' l-attur". Illi fl-istess xhieda il-konvenut stqarr li kien hallas Lm330 ghaliha u dwar dan l-allegat bejgh huwa ma ressaq l-ebda prova ghalkemm ittanta jghaddi lill-Ispettur ricevuta ta' dghajsa ohra mixtrijja snin qabel;

Illi fis-sentenza tat-18 ta' Gunju 1997 il-Qorti tal-Magistrati kienet irriskontrat diversi diskrepanzi fix-xhieda tal-konvenut "li jgieghlu lill-Qorti tithasseb". Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti quddiemha u ltaghqet ma' diversi punti ohra li jimminaw il-kredibilita` tal-konvenut;

Illi l-hrug tal-garage gara f'Awissu 1987 u s-sejba tad-dghajsa grat tlett snin wara; meta l-pulizija baghtu ghall-konvenut fit-2 ta' Mejju 1990 huwa stqarr li kien "unemployed" u kien jirregistra u jircievi l-ghajnuna socjali. Skond ix-xhieda tieghu, wara li kien suldat fetah showroom gewwa l-Hamrun flimkien ma' iehor bl-isem ta' Charles Spiteri izda dawn damu f'din ix-showroom biss seba' xhur ghaliex imbaghad inharqet. Huwa jixhed dwar kemm kien ilu jinnegozja fid-dghajjes godda u sekondaman u ressaq ukoll xhieda estranei biex juri l-attivita` qawwija tieghu f'dan in-negozju; proprju ftit qabel kien anke biegh id-dghajsa in kwistjoni lil Mario Micallef u dan qal li kellu diversi ohrajn ghal bejgh; skond ix-xhud Salvu Cuschieri dan wara li ma ghogbuhx id-dghajjes li kien urieh, kien xtara wahda li kien ra fil-bahar. Huwa qal ukoll illi proprju wara l-hruq "kelli bilfors naqbad xoghol fid-Drydocks u kelli hafna dghajjes tan-nies" u jghid li dawn kellu jhallashom; dan nonostante il-principju "*casus sentit Dominus*" - b'dana kollu huwa iddikjara lilu nnifsu mal-pulizija bla xoghol;

Illi l-konvenut jikkontendi illi fin-nirien li hakmu x-showroom kien spiccalu kollox, u ma kellux aktar records izda meta l-pulizija staqsewh dwar din id-dghajsa, huwa qabad u pprezentalhom ricevuta ta' l-1984 u dana huwa jghid li ghamlu proprju "jien ma ridtx nidhol f'xi trouble". Ghalhekk jidher li din l-ircevuta ta' dghajsa ohra skappat mill-incendju; bniedem ta' l-esperjenza tal-konvenut,

mistoqsi mill-pulizija dwar dghajsa partikolari ma jaqbadx u jtihom ricevuta differenti li wara kollox lanqas kien biss bejgh imma tpartit ma' pjanu; dan kollu huwa jghid li ghamlu proprju biex jevita t-trouble;

Illi dwar kif kien akkwista d-dghajsa in kwistjoni, il-konvenut jispjega li l-bejjiegh kien mar ghandu diversi drabi biex jipprova jipperswadih jakkwista l-imsemmija dghajsa. Huwa jidhol f'bosta dettalji u jistqarr "meta jiena xtrajt id-dghajsa kienet ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghodu fl-apert u fil-pubbliku. Nghid illi wkoll fl-istess gurnata gie tliet darbiet biex ibighhieli. Il-boat f'gurnata nnegozjajta. Gie l-ewwel darba dakinhar fl-ghaxra ta' filghodu u wara nofsinhar fil-fatt innegozjajniha. U meta bieghet din id-dghajsa bieghtha apertament mill-istore. Jiena ghandi lista ta' nies li maghhom jiena nnegozjajt u bieghet dghajjes u qatt ma rrizulta li jiena bieghtilhom xi dghajsa misruqa". Izda b'dana kollu huwa ma kienx f'posizzjoni li jidentifika lill-persuna li kien bieghetlu d-dghajsa. Jaf ukoll x'kien hemm imnizzel fid-dokument relattiv meta huwa xtara dik id-dghajsa, liema dokument kien gie iffirmat u mpoggi fil-file, izda min kien dan ir-ragel ma jiftakarx; x'imkien issemma li kien miet;

Illi quddiem il-Magistrat il-konvenut spjega li "din id-dghajsa partikolari kont bieghtha lil certu Mario Micallef. Kien gabu huh stess li jigi l-gharus ta' oht il-mara, kien ghadu kemm gie mill-Ingilterra u kien xtaq dghajsa"; huwa rilevanti l-fatt li x-xhieda ta' Mario Micallef bl-ebda mod ma taghmel referenza ghal din il-"parentela";

Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu kkonferma li "diversi drabi kelli Albatrosses minghajr is-support ta' taht is-seat" izda l-manifattur stess meta gie mistoqsi dwar dan xehed: "nikkonferma li dawn kienu l-unici zewg dghajjes li qatt inhaddmu b'dawn l-alterazzjonijiet mis-Silver Craft, u nikkonferma li dawn inhaddmu ghall-istess klijent u cioe` Frans Scicluna". Anki d-distributur ikkonferma illi l-attur kien ordnalu biex jaghmel il-bank tan-nofs doppju halli jigi eliminat is-support tan-nofs ta' taht is-seat u biex ma jkunx hemm toqob fid-dghajsa - "Niftakar ukoll li kienet l-unika dghajsa li qatt ordnawli hekk u sena wara l-istess klijent

kien ordna dghajsa simili bhal din. Ahna qatt ma ghamilna ebda dghajsa ohra Albatross 390 bhal din, b'dawn il-fittings u minghajr support";

Illi l-Qorti anqas tista' tifhem kif hruq li, skond Dr. Kenneth Grima "in-nar sar il-Hadd filghodu, pero` intebah li saritlu l-hsara fix-showroom tieghu l-ghada meta sebah"; jigi nnotat li dan ix-showroom kien mikri anki lil Charles Spiteri u wiehed jistenna illi kieku dan Spiteri induna bil-hruq kien certament jinforma lill-konvenut mill-ewwel; jidher pero` li hadd minnhom ma nduna. Probabilment kien ghalhekk li meta mar fuq il-post "sibt pulizija ghassa barra x-showroom mahruqa. Huwa qalli biex ninzel l-ghassa ghax riedu jkellmuni. Jiena nzilt l-ghassa kien hemm Spettur u ghamilt statement.";

Illi diskrepanza ohra tidher mill-istqarrijiet dwar il-hlas li sar minn Mario Micallef; fix-xhieda waqt seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju id-difensur tal-konvenut fil-presenza ta' l-istess konvenut stqarr "fil-fatt kif diga` xehed il-konvenut, lil Mario Micallef kien irrifondilu s-somma ta' Lm450" jekk wiehed pero` jaqra dak li xehed l-istess konvenut fuq il-materja quddiem il-Magistrat jirrizulta li xi wahda mill-verzjonijiet ma hijiex vera;

Illi jrid jigi wkoll rilevat li skond Mario Micallef meta huwa xtara d-dghajsa minghand il-konvenut "dokumenti tad-dghajsa ma hadtx";

Illi l-abbli difensuri ttrattaw fit-tul l-effett tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar il-kaz tad-dghajsa in kwistjoni; il-konvenut jikkontendi li din is-sentenza taghmel stat "*erga omnes*", anke fil-konfront ta' l-attur; dan ifisser li hadd izjed ma jista' jakkuza lill-konvenut bi htija kriminali. Il-kamp kriminali huwa ghal kollox differenti minn dak civili ghalkemm dak li jirrizulta fl-atti tal-Qorti Kriminali jista' dejjem jittiehed in konsiderazzjoni minn Qorti ohra kif fil-fatt sar f'dan il-kaz; kif gustament sottomess mill-istess konvenut "ma jistax l-attur jippretendi li din il-Qorti tinjora dawn l-atti";

Illi s-sentenza ta' l-Appell ghandha twassal ghall-konkluzjoni li l-presekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-allegazzjoni taghha li l-konvenut ma kienx in mala fede meta akkwista d-dghajsa minghand xi persuna li ma jiftakarx min hi; din kienet decizjoni mehuda fil-parametri u fir-rekwiziti mposti mill-ligi penali biex ikun hemm tali kundanna; dawn il-parametri jinkludu ovvjament li kull forma ta' dubju li jista' jitfacca ghandu jmur a favur ta' l-akkuzat - dritt sagrosant sancit fir-regoli tal-procedura penali;

Illi a differenza ghall-proceduri vigenti fil-Qorti Kriminali, din il-Qorti Civili ssegwi principji pjuttost differenti li jimponulha li tisma' z-zewg verzjonijiet u wara taghzel dik li jidhrilha li hi l-aktar plawsibbli u spjegabbli;

Illi d-distinzjoni bejn iz-zewg Qrati tohrog ukoll mill-fatt li l-attur ma kienx parti fil-proceduri kriminali u anqas kellu d-dritt li jikkontroezamina x-xhieda li l-prosekuzzjoni setghet resqet, a differenza ta' dak li ovvjament jista' jaghmel fil-kamp civili.  Jinghad ukoll li fis-sentenza tal-Qorti Kriminali ma tistax' tigi esegwita bil-proceduri tal-Qorti Civili;

Illi huwa veru li sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tistax' tigi kkontestata ulterjorment pero` sentenzi tal-Qorti Civili hemm il-possibilita` li jekk jinstabu nuqqasijiet jew xhieda godda ammessi mil-ligi, il-kaz jista' jerga' jinfetah; minn naha l-ohra kif gustament sottomess mill-konvenut dan ma jistax jigri fil-proceduri kriminali;

Illi din il-Qorti fid-dawl tar-rizultanzi processwali ma taccettax il-verzjoni moghtija mill-konvenut tal-mod ta' kif id-dghajsa giet f'idejh; ma tistax ma tosservax ukoll kif il-konvenut hallas somma (kif gja intqal l-ammont huwa dubjuz) lil Mario Spiteri li suppost kien xtraha minghandu skond il-ligi - una volta kien biegh lil Micallef seta' jahsel idejh u mhux johrog Lm450;

Illi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li d-dghajsa tal-marka Albatross 390 indikata fl-atti ta' dawn il-proceduri hija l-istess wahda li nsterqet minghand l-attur fid-29/30 ta' Lulju 1987 u l-Qorti hi konvinta li kull trasferiment sussegwenti li

seta' sar ta' din id-dghajsa ma kienx in buona fede u ghalhekk l-attur huwa l-proprjetarju legittimu tad-dghajsa in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

Tilqa' t-Talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur